MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Numru. 302/2004

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef)
vs
David Borg u Keith Frendo

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-25 ta’ Ottubru 2003, bejn id-disa u nofs il-lejl fl-inhawi tal-Hamrun u l-Marsa :
a) ikkommettew serq ta’ mobile tal-marka nokia kif ukoll xi costume jewellery u il-portmoni bil-flus minn fuq il-persuna ta’ Josephine Casha, liema serq hu aggravat bil-hin;
b) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Josephine Casha, skond kif iccertifikat Dr M Caruana MD;

Lil David Borg wahdu  gie akkuzat

c) talli renda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat S Demicoli LL.D. nhar il-5 ta' Ottubru, 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija, debitament assistiti, volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dan waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija issibhom hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dana wara illi rat l-Artikoli 221 (1), 49, 50, u l-Artikoli 261 (f), 270, u 281 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat Keith Frendo ghandu fedina penali netta, waqt illi l-imputat David Borg ghandu fedina penali mhux netta, pero' lanqas ma hi xi wahda allarmanti;

Ikkunsidrat ukoll ghal dak illi jirrigwarda il-piena, il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkoperaw mieghu matul l-investigazzjoni, il-fatt illi r-refurtiva giet rekuperata mill-pulizija u giet mghoddija lid-derubata, kif ukoll il-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija iddikjaraw illi huma disposti li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-battery tal-mobile phone illi huma serqu, dejjem jekk din tinsab illi hija difettuza.

Il-Qorti, wara illi rat ukoll l-Artikoli 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut, u illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputati kif ukoll ghas-socjeta' generali jekk z-zewg imputati fuq imsemmija jinghataw opportunita ohra biex jaqbdu t-triq it-tajba, filwaqt illi tilliberahom, taghmel dan bil-kundizzjoni illi huma ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Finalment il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------